# AVVIŻ MAĦRUĠ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR161910MT, Press Release Issue Date: Sep 08, 2016

Id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza għas-Saħħa Pubblika, javża li sakemm joħroġ avviż ieħor, mhux rakkomandat li jsir għawm minħabba żbroff tad-drenaġġ kif indikat:

Malta – *Dog-Friendly Beach* – Baħar iċ-Ċagħaq.

Tabelli li jindikaw dan l-għeluq twaħħlu fiż-żona, kif indikat fil-mappa annessa.

Għal aktar informazzjoni fuq il-kwalità tal-ilma baħar għall-għawm, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8.00 ta' filgħodu sas-2.30 ta' waranofsinhar jew jibgħat *email* fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment l-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Triq il-Ferrovija, Santa Venera. Barra dawn il-ħinijiet, il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iċempel fuq is-sistema awtomatika 2182 7146 jew fuq il-*mobile* għal Malta numru +356 7950 9918 u għal Għawdex numru +356 7950 9919.

Il-pubbliku jista' wkoll iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Health-Inspectorate/Environmental-Health-Risk-Management/Bathing-Water-Programme.aspx għal informazzjoni fuq il-kwalità tal-ilma baħar għall-għawm.